MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 109/2004

**Maltacom p.l.c.**
**vs**

**Charmaine Agius gja Sciberras u Jesmond Sciberras**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Jannar, 2004, fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u sitta u erbghin lira Maltija u disghin centezmu (Lm846.90), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 2125 2480 (skond kif jirrizulta mid-dokument anness mal-avviz u mmarkat Dok.A u Dok.B).**
**Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex jghaddu ghall-hlas izda baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza.**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fl-4 ta' Frar, 2004 fejn intqal illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-konfront tal-konvenut Jesmond Sciberras stante illi :**
**i. is-socjeta` attrici m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-konvenut Jesmond Sciberras u dan peress illi kienet il-konvenuta Charmaine Agius illi ordnat u ghamlet uzu mis-servizz li ghalih qed jintalab il-hlas minghajr il-kunsens tal-konvenut kif jirrizulta mill-ittra Dok.A annessa mar-risposta ;**
**ii. illi minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja u fil-mertu l-ammont pretiz huwa esagerat.**
**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**
**Bl-ispejjez.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenuta Charmaine Agius fil-11 ta' Frar, 2004, fejn intqal :**
**illi l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici m'huwiex dovut mill-konvenuta li ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju ;**
**Illi l-kont tat-telefon 21 252480 jirreferi ghall-linja tat-telefon li tinsab gewwa l-fond 123 Vincenzo Bugeja Street, hamrun, li kienet d-dar konjugali taz-zewg konvenuti ;**
**Illi l-konvenuta telqet minn dan il-fond fid-29 ta' April, 2002, u konsegwentement hija ma setghetx tuza din il-linja tat-telefon kif ser jirrizulta ahjar tul il-mori tal-kawza ;**
**Illi a tenur ta' kuntratt ta' separazzjoni kkuntrattat bejn il-partijiet il-kontijiet tat-telefon huma a karigu tal-konvenut l-iehor Jesmond Sciberras sa mill-1 ta' Mejju, 2002 l-quddiem kif ser jigi pruvat tul il-mori tal-kawza.**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda tal-PL Noel Scerri, u ta' Jesmond Sciberras. Ra l-affidavit ta' Charmaine Agius. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**

**1. Is-socjeta` attrici qed titlob il-hlas ghall-kont tat-telefon a bazi ta' applikazzjoni maghmula f'isem Charmaine Sciberras datata 12 ta' Jannar, 2001, Dok.A.**
**2. Irrizulta li l-konvenuti kienu sseparaw fit-12 ta' Novembru, 2002, u dana skond il-kuntratt ta' separazzjoni relattiv fl-atti tan-Nutar Dottor Margaret Heywood, Dok.JS.**
**3. Skond il-kuntratt ta' separazzjoni, gie specifikat fi klawsola 7 is-segwenti : «Il-kont tat-telephone numru ………(21252480) jkunu a karigu tal-mara hlief ghall-*calls* li jista' talvolta jirrizulta li ghamel ir-ragel u f'dak il-kaz ihallashom hu. »**
**4. It-telefonati in kwistjoni jirrigwardaw il-perjodu mill-11 ta' Mejju, 2002 sal-25 ta' Settembru, 2003.**
**5. Skond ma xehed il-konvenut, il-gurnata li telqet il-konvenuta mid-dar it-telefon inqata'. Li jaf bic-cert hu li l-konvenuta telqet f'Mejju, 2002. Dana jikkombacja ma dak li qalet il-konvenuta fl-affidavit taghha, meta tghid li telqet mid-dar fid-19 ta' April, 2002, pero` ma hemm ebda prova li l-linja nqatghet meta telqet il-konvenuta.**
**6. F'dan il-kuntest ma giex pruvat li t-telefonati rigwardanti l-kont in kwistjoni saru mill-konvenuta, izda f'perjodu meta hi kienet gja telqet. Ghalkemm il-konvenut jichad kategorikament li qatt ghamel telefonati, mill-kumpless tal-provi jirrizulta xort'ohra.**
**7. Fl-isfond ta' dak li ntqal jirrizulta li ghat-telefonati ghandu jaghmel tajjeb biss il-konvenut Jesmond Sciberras, u dana in kwantu hu biss seta' ghamel dawk it-telefonati, u peress illi kif gie stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni hu ghandu jhallas ghat-telefonati li jkun ghamel.**
**8. Dwar l-ammont mitlub, dan ma jirrizultax li hu esagerat, kif qed jigi allegat, anzi jirrizulta ampjament dovut l-ammont imsemmi mir-rendikont Dok.B.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata fil-konfront tal-konvenut Jesmond Sciberras, it-Tribunal jillibera lill-konvenuta Charmaine Agius mill-osservanza tal-gudizzju, u jikkundanna lill-konvenut Jesmond Sciberras ihallas lis-socjeta`**

**attrici s-somma ta' tmien mija u sitta u erbghin lira Maltija u disghin centezmu (Lm846.90) bl-imghax legali mill-24 ta' Jannar, 2004.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------